# Disseminazzjoni u kunfidenzjalità fil-Bażi tad-*Data* tal-SCIP

Ottubru 2021

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà**

Dan id-dokument għandu l-għan li jassisti lill-utenti jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 9(1)(i) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD). Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-test tad-WFD huwa l-unika referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwixxix parir legali. L-użu tal-informazzjoni jibqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-utent. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

| Verżjoni | Bidliet | |
|---|---|---|
| 1.0 | L-ewwel verżjoni | Lulju 2020 |
| 2.0 | Taqsima ġdida dwar kunsiderazzjonijiet speċifiċi meta jintużaw għodod biex issir referenza għad-*data* diġà ppreżentata. | Ottubru 2021 |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

**Disseminazzjoni u kunfidenzjalità fil-Bażi tad-*Data* tal-SCIP**

**Referenza:** ECHA-21-R-09-MT
**ISBN:** 978-92-9468-007-5
**Kat. Numru:** ED-01-21-287-MT-N
**DOI:** 10.2823/635833
**Data tal-pubblikazzjoni:** Ottubru 2021
**Lingwa:** MT

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2021
Qoxra © L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti relatati ma' dan id-dokument, jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Il-formola ta' talba għal informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA fuq:
http://echa.europa.eu/contact

**Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Finlandja

# Werrej

**1. INTRODUZZJONI U BAŻI LEGALI ........................................................... 4**

1.1. Skop ........................................................................................ 4
1.2. Bażi Legali ................................................................................. 4

**2. DISSEMINAZZJONI ............................................................................. 4**

2.1. Informazzjoni disseminata .......................................................... 6
2.2. Kunsiderazzjonijiet ġenerali ......................................................... 9
2.3. Kunsiderazzjonijiet speċifiċi meta jintużaw għodod biex issir referenza għad-*data* diġà sottomessa lill-SCIP.......................................................................10

# Werrej tal-Figuri

**Figura 1: Protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali skont il-Bażi tad-*Data* tal-SCIP.** ...............5

Figura 2: Protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali skont il-Bażi ta' *Data* tal-SCIP. ............................6

Figura 3: Il-prinċipji tal-SCIP u tas-CBI. Turi d-*data* fl-ispazji li se jsiru pubbliċi għal eżempju ipotetiku. ..9

Figura 4. turi eżempju ipotetiku tal-użu ta' "referenzjar" f'dossier ta' notifika tal-SCIP. ........................ 11

Figura 5. Turi d-*data* li se tiġi disseminata meta jintuża "referenzjar" għall-eżempju ipotetiku ta' Rota A użat fil-figura 4. ................................................................................................ 11

# Werrej tat-Tabelli

Tabella 1: Disseminazzjoni ta' informazzjoni min-notifiki tal-SCIP ................................................6

# 1. Introduzzjoni u Bażi Legali

## 1.1. Skop

Dan id-dokument jipprovdi informazzjoni dwar l-aċċess online għal informazzjoni dwar sustanzi ta' tħassib li jkunu preżenti f'oġġetti li għalihom ġiet sottomessa notifika lill-Bażi tad-*Data* tal-SCIP skont id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, kif ukoll il-prinċipji definiti biex tiġi protetta l-informazzjoni kunfidenzjali. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jgħin, b'mod partikolari lil dawk il-maniġers u lill-esperti tekniċi f'kumpaniji li huma responsabbli biex iħejju dossiers, sabiex wieħed jifhem:

- liema informazzjoni ser tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-ECHA
- x'inhuma l-prinċipji definiti għall-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali

## 1.2. Bażi Legali

L-Artikolu 9(1)(i) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD) jirrikjedi li kwalunkwe fornitur ta' oġġett (detentur tad-dover) jipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 33(1) tar-Regolament REACH lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) mill-5 ta' Jannar 2021. L-Artikolu 9(2) tal-istess Direttiva jistabbilixxi li l-ECHA għandha tistabbilixxi bażi tad-*data* (Bażi tad-*Data*tal-SCIP) għad-*data* li għandha tiġi sottomessa lill-ECHA skont il-punt (i) tal-paragrafu 1 u għandha tipprovdi aċċess għal dik il-bażi tad-*data* lill-operaturi tat-trattament tal-iskart u lill-konsumaturi fuq talba.

Il-Bażi tad-*Data* tal-SCIP se jkun fiha l-informazzjoni sottomessa dwar oġġetti bħala tali jew f'oġġetti kumplessi (prodotti), li fihom sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs) fuq il-Lista ta' Kandidati.

L-informazzjoni disponibbli għall-ECHA fir-rigward tal-Bażi tad-*Data* tal-SCIP tinkludi:

1. *Data* teknika, li hija interpretata li tfisser informazzjoni li tippermetti l-użu sikur tal-oġġett bħala tali jew f'oġġetti kumplessi mqiegħda fis-suq (jiġifieri informazzjoni biex jiġi identifikat l-oġġett, informazzjoni dwar l-użu sikur u informazzjoni biex tiġi identifikata s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati preżenti fl-oġġett) ("Informazzjoni dwar il-Bażi tad-*Data*").

2. Informazzjoni amministrattiva, li tgħin fl-amministrazzjoni tal-Bażi tad-*Data* tal-SCIP (jiġifieri l-identifikazzjoni ta' min ikun qed jibgħat it-tagħrif u informazzjoni oħra relatata mal-avveniment tan-notifika) ("Informazzjoni Amministrattiva").

# 2. Disseminazzjoni

L-informazzjoni disponibbli għall-ECHA fir-rigward tal-Bażi tad-*Data* tal-SCIP tinkludi (1) l-Informazzjoni tal-Bażi tad-*Data* u (2) l-Informazzjoni Amministrattiva.

L-Informazzjoni tal-Bażi tad-*Data* li tippermetti l-użu sikur tal-oġġetti, se tkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-ECHA. Din l-informazzjoni għandha tippermetti, lill-atturi fil-katina tal-provvista u l-konsumaturi kollha fl-istadju tagħhom tal-użu mill-oġġett biex jieħdu l-miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskju biex jiggarantixxu l-użu sikur tal-oġġetti li jkunu jinkludu s-sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati. Għandha tippermettilhom ukoll li jagħmlu għażliet tax-xiri infurmati dwar l-oġġetti li jixtru. Tista' tkun inkluża wkoll informazzjoni li tkun meħtieġa biex tiġi żgurata ġestjoni xierqa tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless, ladarba dan isir skart.

L-Informazzjoni Amministrattiva li tgħin biex tiġi amministrata l-Bażi tad-*Data* tal-SCIP iżda ma tgħinx direttament fit-trattament b'mod aktar sikur ta' oġġetti u oġġetti kumplessi jew fl-identifikazzjoni tagħhom mhux se tiġi disseminata.

L-ECHA se tippubblika l-informazzjoni, hekk kif tasal, fuq is-sit web tagħha. Il-kwalità tad-*data* jibqa' responsabbli minnha kull detentur tad-dover.

Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, l-ECHA mhux se tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku d-*data* obbligatorja meħtieġa li tippermetti l-istabbiliment ta' rabtiet bejn l-atturi fl-istess katina tal-provvista.

L-ECHA stabbiliet il-prinċipji ewlenin li ġejjin biex tevita l-iżvelar ta' rabtiet bejn l-atturi fil-katina tal-provvista:

- Il-Bażi tad-*Data* tal-SCIP ma tiżvelax ir-rabta bejn in-notifika tal-SCIP u min ikun qed jibgħat it-tagħrif tagħha (Entità Legali).

- Jiġu żvelati biss l-identifikaturi ta' entitajiet tal-ogħla livell (jiġifieri identifikaturi ta' oġġetti bħala tali jew oġġetti kumplessi disponibbli biex jitqiegħdu fis-suq li għalihom tkun qed tiġi sottomessa notifika tal-SCIP). B'konsegwenza ta' dan, ismijiet speċifiċi (eż. il-marka, il-mudell) jew identifikaturi alfanumeriċi ta' komponenti ta' oġġetti kumplessi ma jiġux żvelati.

Il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali skont il-Bażi tad-*Data* tal-SCIP hija murija fil-Figuri 1 u 2 għal eżempji ipotetiċi.




**Figura 1: Protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali skont il-Bażi tad-*Data* tal-SCIP.**

Il-Bażi tad-*Data* tal-SCIP ma tiżvelax ir-rabta bejn in-notifika u min ikun qed jibgħat it-tagħrif tagħha. L-informazzjoni ingassata tikkorrispondi għall-Entità Legali li tissottometti notifika tal-SCIP għax-xafra, għall-vit u għat-temprina tal-lapes. Il-Bażi tad-*Data* tal-SCIP ma tippubblikax l-ismijiet u l-kuntatti ta' dawn l-Entitajiet Legali li jissottomettu notifika tal-SCIP.




**Figura 2: Protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali skont il-Bażi ta' *Data* tal-SCIP.**

Jiġu żvelati biss identifikaturi ta' entitajiet tal-ogħla livell (jiġifieri identifikaturi ta' oġġetti bħala tali jew oġġetti kumplessi disponibbli biex jitqiegħdu fis-suq li għalihom tkun qed tiġi sottomessa notifika tal-SCIP). Ismijiet speċifiċi (eż. il-marka, il-mudell) jew identifikaturi alfanumeriċi ta' komponenti ta' oġġetti kumplessi ma jiġux żvelati. Il-Bażi tad-*Data* tal-SCIP tippubblika l-identifikaturi kollha tat-temprina tal-lapes li titqiegħed fis-suq (entità tal-ogħla livell f'notifika ta' oġġett kumpless) iżda ma tippubblikax l-identifikaturi ingassati tax-xafra – komponent tat-temprina tal-lapes.

## 2.1. Informazzjoni disseminata

Informazzjoni dettaljata dwar oġġetti bħala tali li jkun fihom sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati u oġġetti kumplessi (prodotti) li jinkorporaw dawk l-oġġetti li għalihom l-ECHA rċeviet dossiers ta' notifika tal-SCIP hija disponibbli fuq is-sit web tal-ECHA.

L-ECHA stabbiliet format IUCLID armonizzat għat-tħejjija tan-notifiki tal-SCIP. It-Tabella 1 se tiġbor fil-qosor liema informazzjoni min-notifika tal-SCIP se tiġi disseminata.

**Tabella 1: Disseminazzjoni ta' informazzjoni min-notifiki tal-SCIP**

| Kontenut ta' notifika tal-SCIP | | Disseminazzjoni ta' informazzjoni | |
|---|---|---|---|
| *Data* ta' notifika | **Deskrizzjoni** | **Oġġett tal-ogħla livell jew oġġett kumpless** | **Komponent ta' oġġett kumpless** |
| **Isem l-oġġett** | L-isem tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless mogħti mid-detentur tad-dover. L-isem għandu jkun konċiż iżda deskrittiv tal-oġġett speċifiku jew tal-oġġett kumpless innotifikat (eż. vit, xafra, temprina tal-lapes, arloġġ diġitali, magna, mutur). Huwa spazju għat-test. | Iva | Iva |
| **Ismijiet oħra** | Kwalunkwe isem addizzjonali tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless (eż. il-marka, il-mudell) mogħti mid-detentur tad-dover. Kull oġġett jista' jiġi identifikat b'aktar minn isem wieħed. Fih żewġ attributi: il-valur u t-tip. It-tip huwa magħżul minn lista ta' għażla u l-isem huwa | Iva | Le |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | spazju għat-test. Ismijiet oħra jirreferu għal ismijiet oħra użati biex jidentifikaw l-oġġett jew l-oġġett kumpless fi ħdan familja, kategorija jew grupp (eż. il-marka, il-mudell) pjuttost milli għal sinonimi tal-isem ipprovdut fl-ispazju "Isem l-oġġett". Għalhekk, għandhom jiddaħħlu għal oġġetti jew oġġetti kumplessi li għandhom jiġu fornuti lill-konsumaturi, meta dawn l-ismijiet ikunu disponibbli għalihom u jkunu essenzjali biex ikunu jistgħu jfittxu l-informazzjoni fil-bażi tad-*data* tal-SCIP (eż. il-marka u l-mudell). | | |
| **Identifikatur primarju tal-oġġett** | L-identifikatur primarju tal-oġġett huwa identifikatur numeriku jew alfanumeriku, fil-kuntest tal-bażi tad-*data* tal-SCIP, assenjat mid-detentur tad-dover lill-oġġett bħala tali jew lill-oġġett kumpless u l-identifikazzjoni tat-tip tiegħu. L-identifikatur tal-oġġett primarju huwa magħmul minn:<br><br>• Tip: Dan jista' jintgħażel minn sett ta' valuri predefiniti ta' lista ta'għażla (eż. in-Numru Ewropew tal-Oġġett - EAN, il-Kodiċi Universali tal-Prodott - GPC, in-Numru Globali tal-Oġġetti tal-Kummerċ - GTIN, in-numru tal-katalgu, in-numru tal-parti) jew jiġi definit liberament bl-użu ta' "oħrajn:".<br><br>• Valur: Test alfanumeriku assenjat mid-detentur tad-dover (eż. in-numru EAN)<br><br>Għall-oġġetti mqiegħda fis-suq għall-konsumaturi, mill-inqas, jekk disponibbli, jeħtieġ li jiġi pprovdut identifikatur li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom, pereżempju n-Numru Ewropew tal-Oġġett (EAN), f'dan l-attribut jew fl-attribut "Identifikatur ta' Oġġett Ieħor", sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jidentifikaw b'mod inekwivoku l-oġġett jew l-oġġett kumpless li għalih qed tiġi sottomessa l-informazzjoni. | Iva | Le |
| **Identifikaturi oħra tal-oġġett** | Kwalunkwe identifikatur addizzjonali tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless mogħti mid-detentur tad-dover. Dan jinkludi l-istess żewġ attributi (tip u valur) definiti fl-ispazju tal-identifikatur Primarju tal-Oġġett. | Iva | Le |
| **Kategorija tal-oġġett** | Il-kategorija tal-oġġett "tikklassifika" oġġett bħala tali (b'sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati) jew oġġett kumpless (li jinkorpora tali oġġetti) skont il-funzjoni/l-użu tiegħu (minn lista armonizzata). Il-kategorija tal-oġġetti xierqa tintgħażel minn sett ta' valuri predefiniti fuq lista b'ħafna għażliet – it-Tariffa integrata tal-lista – TARIC – tal-Unjoni Ewropea. Din il-lista tinkorpora l-kodiċijiet u d-deskrizzjonijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM) kif stipulati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87. Kemm it-TARIC kif ukoll in-Nomenklatura Magħquda huma ġestiti mill-Kummissjoni Ewropea (DG TAXUD).<br><br>Il-kategorija tal-oġġetti hija magħmula minn:<br><br>• Kodiċi: Kodiċi numeriku: Kodiċi NM jew kodiċi TARIC. Il-kodiċi NM jikkorrispondi għal numru attribwit għal kull suddiviżjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Il-kodiċi TARIC huwa bbażat fuq in-Nomenklatura Magħquda, b'suddiviżjonijiet addizzjonali.<br><br>• Deskrizzjoni: Deskrizzjoni tan-NM jew TARIC assoċjata mal-kodiċi NM jew TARIC. [Dawn id-deskrizzjonijiet huma disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, jistgħu jiġu aċċessati mill-paġna tat- | Iva | Iva |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Tassazzjoni u l-unjoni doganali, it-taqsima tal-konsultazzjoni TARIC.]<br>Ara l-Annessi tal-Format tal-SCIP disponibbli fil-paġna web tal-SCIP biex tinstab il-lista tal-għażla sħiħa għall-kategoriji tal-oġġetti. | | |
| **Produzzjoni fl-Unjoni Ewropea** | Indikazzjoni jekk l-oġġett jew l-oġġett kumpless ikunx ġie prodott jew immuntat fl-Unjoni Ewropea. | Iva | Iva |
| **Stampa/stampi** | Identifikazzjoni viżwali tal-oġġett bħala tali jew tal-oġġett kumpless. | Iva | Iva |
| **Tip ta' karatteristika** | Il-karatteristika/karatteristiċi tal-oġġett jew tal-oġġett kumpless li jistgħu jgħinu biex l-oġġett jew l-oġġett kumpless irrappurtat jintgħaraf minn oġġetti jew oġġetti kumplessi simili.<br>Eż. Għoli; Tul; Wisa'; Dijametru; Densità; Piż; Volum; Kulur; Karatteristiċi oħra. | Iva | Iva |
| **Valur karatteristiku** | Il-valur tal-karatteristika (magħżula). | Iva | Iva |
| **Unità karatteristika** | Unità ta' kejl għall-karatteristika (magħżula), meta applikabbli. | Iva | Iva |
| **Struzzjoni(jiet) għall-użu sikur** | Informazzjoni għall-użu sikur | Iva | Iva |
| **Struzzjonijiet ta' żmantellar** | Dokument ta' struzzjonijiet għal żmantellar (eż. format pdf) u l-lingwa tad-dokument. | Iva | Iva |
| **Numru ta' unitajiet f'oġġett kumpless** | Numru ta' okkorrenzi tal-oġġett li tingħata link għalih fl-oġġett kumpless. | Mhux applikabbli | Iva |
| **Sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati** | L-isem, in-numri KE u CAS, meta disponibbli, tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati magħżula mill-entrati fil-Lista ta' Kandidati, li tkun preżenti fl-oġġett.<br>Applikabbli wkoll għal sustanzi li jappartjenu għal entrata fi grupp. | Iva | Iva |
| **Sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati li ma għadhiex preżenti** | L-isem, in-numri KE u CAS, meta disponibbli, tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati magħżula mill-entrati fil-Lista ta' Kandidati, li **m'għadhiex** preżenti fuq l-oġġett.<br>Applikabbli wkoll għal sustanzi li jappartjenu għal entrata fi grupp | Iva | Iva |
| **Firxa tal-konċentrazzjoni** | Indikazzjoni tal-firxa ta' konċentrazzjoni tas-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati preżenti fl-oġġett. Din tintgħażel minn sett ta' valuri predefiniti ta' lista ta' għażla. | Iva | Iva |
| **Kategoriji tal-materjal** | Identifikazzjoni tal-materjal li l-oġġett (li fih is-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati) huwa magħmul minnu minn lista li għandha tiġi pprovduta mill-ECHA.<br>[Dan jippermetti wkoll l-identifikazzjoni tal-oġġett abbażi tal-materjal li huwa magħmul minnu.] | Iva | Iva |
| **Kategorija tat-taħlit** | Identifikazzjoni tal-kategorija tat-taħlita mis-sistema Ewropea ta' kategorizzazzjoni tal-prodott (EuPCS) li tinkludi s-sustanza/sustanzi fuq il-Lista ta' Kandidati inkorporata fil-pass ulterjuri fl-ipproċessar (eż. il-kisi) ta' oġġett, jew inkorporata meta jitgħaqqdu jew jiġu mmuntati żewġ oġġetti jew aktar f'oġġett kumpless (eż. adeżiv, saldatura). *[Dan jippermetti li jiġi identifikat fejn fl-oġġett tkun preżenti s-sustanza fuq il-Lista ta' Kandidati.]* | Iva | Iva |

Kunsiderazzjonijiet ġenerali
L-ECHA se tippubblika l-informazzjoni, preċiżament hekk kif tasal, fuq is-sit web tagħha.

Id-detentur tad-dover li huwa responsabbli għat-tħejjija tad-dossier(s) għandu jiżgura li l-informazzjoni inkluża fl-ispazji li se jiġu disseminati ma tkunx sensittiva jew meqjusa bħala informazzjoni kunfidenzjali. Jekk id-dossier SCIP maħluq mid-detentur tad-dover jinkludi informazzjoni meqjusa kunfidenzjali f'taqsimiet li se jiġu disseminati, din l-informazzjoni se tidher fuq is-sit web tad-disseminazzjoni tal-ECHA.

- Jekk ikun hemm bżonn, kun żgur li l-Entità Legali ma tkunx tista' tiġi dedotta minn kwalunkwe wieħed mill-ispazji ta' test liberu, mid-dokumenti ta' struzzjoni dwar l-iżmantellar u lanqas mill-istampi.
- Kun żgur li l-identifikaturi ta' komponenti ta' oġġetti kumplessi li huma kunfidenzjali ma jistgħux jiġu dedotti minn kwalunkwe waħda mill-ispazji ta' test liberu, mid-dokumenti ta' struzzjoni dwar l-iżmantellar u lanqas mill-istampi.




**Figura 3: Il-prinċipji tal-SCIP u tas-CBI. Turi d-*data* fl-ispazji li se jsiru pubbliċi għal eżempju ipotetiku.**

**Ir-responsabbiltà għall-kunfidenzjalità tad-*data* rrapportata fi spazji li se jsiru pubbliċi * taqa' fuq id-detentur tad-dover. = stampa; = dokument; = struzzjonijiet għall-użu sikur; = elementi ta' tħassib.**

## 2.2. Kunsiderazzjonijiet speċifiċi meta jintużaw għodod biex issir referenza għad-*data* diġà sottomessa lill-SCIP

L-ECHA żviluppat soluzzjonijiet tekniċi li jistgħu jintużaw fuq bażi volontarja biex jagħmluha possibbli li fornituri ta' oġġetti (eż. distributuri, "montaturi") jirreferu għad-*data* diġà sottomessa skont l-SCIP minn detenturi tad-dover oħra. Dawn l-għodod jiffaċilitaw is-sottomissjoni ta' notifiki tal-SCIP lill-ECHA, filwaqt li jżommu l-konsistenza fl-informazzjoni sottomessa, billi jevitaw rappurtar multiplu tal-istess *data* u b'hekk jillimitaw piż amministrattiv għad-detenturi tad-dover. Iż-żewġ għodod li jistgħu jintużaw biex jirreferu għal informazzjoni li diġà ġiet sottomessa b'suċċess lill-Bażi tad-*Data* tal-SCIP huma:

1. In-notifika simplifikata tal-SCIP (SSN)

2. Ir-"referenzjar" f'dossier tal-SCIP.

Aktar dettalji dwar kif jintużaw dawn l-għodod huma disponibbli fid-dokument "Għodod biex issir referenza għad-*data* tal-SCIP diġà sottomessa lill-ECHA".

Is-sottomissjoni ta' **notifika simplifikata tal-SCIP (SSN)** għal oġġett speċifiku mhu se jkollha l-ebda impatt fuq l-informazzjoni disseminata għal dak l-oġġett, jiġifieri tiġi ppubblikata biss l-informazzjoni li ssir referenza għaliha mill-utenti tad-dossier ta' notifika.

L-informazzjoni disseminata mill-ECHA dwar **dossier ta' notifika tal-SCIP ta' oġġett kumpless bl-użu ta' "referenzjar"** għal komponent wieħed jew iktar ta' dan l-oġġett kumpless, tinkludi l-informazzjoni li tinsab fid-dossiers diġà sottomessi lill-Bażi tad-*Data* tal-SCIP għal dawk il-komponenti li d-dossier qed jirreferi għalihom.




**Figura 4. turi eżempju ipotetiku tal-użu ta' "referenzjar" f'dossier ta' notifika tal-SCIP.**

F'dan l-eżempju, il-Kumpanija 2 qed tissottometti dossier ta' notifika tal-SCIP għar-Rota A li tagħmel referenza għal *data* sottomessa qabel mill-Kumpanija 1 għall-Manilja. <u>L-informazzjoni disseminata mill-SCIP għall-manilja tar-Rota A, hija l-informazzjoni min-notifika diġà sottomessa lill-Bażi tad-*Data* tal-SCIP għall-Manilja mill-Kumpanija 1</u> Pereżempju, jekk l-isem tal-oġġett imsemmi fin-notifika tal-Kumpanija 1 ikun "Manilja", iżda l-Kumpanija 2 issemmieh "H Grip_3_V2" fid-dossier tiegħu stess, fid-disseminazzjoni tal-ECHA "Manilja" se jintwera bħala l-isem tal-manilja fin-notifika tal-Kumpanija 2 tal-SCIP, u **mhux** "H Grip_3_V2".




**Figura 5. Turi d-*data* li se tiġi disseminata meta jintuża "referenzjar" għall-eżempju ipotetiku ta' Rota A użat fil-figura 4.**

**Pariri għan-notifikaturi tal-SCIP li jappoġġjaw lill-klijent tagħhom biex jużа r-"referenzjar":**

Notifikatur tal-SCIP jista' jappoġġja lill-klijenti tiegħu biex jużaw ir-"referenzjar" skont il-parir tal-ECHA[1] u billi juża, bħala isem l-oġġett, ismijiet sempliċi iżda deskrittivi mingħajr ebda referenza għall-marka, il-mudell u/jew l-identifikatur alfanumeriku rispettiv tiegħu. Din id-*data*, eż. il-marka jew il-mudell, għandha tiġi rrapportata fl-ispazji ddedikati taħt "Ismijiet oħra" jew "Identifikaturi oħra tal-oġġett" li ma jiġux disseminati aktar tard meta l-klijenti jużaw "referenzjar" meta jinnotifikaw oġġetti kumplessi fejn il-prodott(i) ikun(u) ġie/ġew inkorporat(i) bħala komponent(i).

**Parir għan-notifikaturi tal-SCIP li jużaw ir-"referenzjar" fuq id-dossiers tagħhom:**

Notifikatur tal-SCIP li juża "referenzjar" fuq id-dossier tiegħu għall-komponenti tal-oġġett kumpless tiegħu (prodott), għandu jkun konxju u familjari mal-informazzjoni li se tiġi disseminata, b'mod partikolari fir-rigward tal-isem l-oġġett, u jaħdem mal-Entitajiet Legali li ssottomettew l-informazzjoni li qed jirreferi għaliha, sabiex jiġi żgurat li l-ebda informazzjoni sensittiva kummerċjali ma tiġi disseminata bħala parti min-notifika tiegħu għal dak il-komponent (eż. inkluż il-"marka" u l-"mudell" fl-ispazju ta' isem l-oġġett).

Irrispettivament mill-użu ta' "referenzjar" jew le, nirrakkomandaw li taħdem mal-fornituri, mal-klijenti u ma' atturi oħra tiegħek fil-katina tal-provvista tiegħek biex tiżgura li isem l-oġġett irrapportat fid-dossiers tal-SCIP, ikun sempliċi, ċar u konċiż, iżda xorta deskrittiv biżżejjed. L-isem tal-oġġett għandu jirrifletti kif normalment huwa magħruf (eż., vit, xafra, temprina tal-lapes, arloġġ diġitali, magna, mutur) u m'għandux jinkludi l-marka u l-mudell fl-ispazju "Isem l-Oġġett"; dawk għandhom dejjem jiġu inklużi taħt l-ispazju "Ismijiet oħra" tal-format SCIP.

[1] Ara t-taqsima 2.1.1 Identifikaturi u kategorizzazzjoni tad-dokument "Rekwiżiti għan-notifika tal-SCIP".

AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI
P.O. BOX 400, FI-00121 HELSINKI, IL-FINLANDJA
ECHA.EUROPA.EU